

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/99

tal-25 ta' Jannar 2021

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1704 ⁽²⁾, il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2020 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri") ġie ffirmat fil-15 ta' Novembru 2020.
- (2) Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri għandu l-objettiv li jippermetti lill-Unjoni u lir-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania li jkomplu jaħdmu flimkien biex jipromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Mauritania u li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni li jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom f'dawn l-ilmijiet.
- (3) Jenħieġ li l-Ftehim fil-forma ta' iskambju ta' ittri jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2020, huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni ⁽³⁾.

⁽¹⁾ Approvazzjoni tal-14 ta' Diċembru 2020 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1704 tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2020 (ĠU L 383, 16.11.2020, p. 1).

⁽³⁾ It-test tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri huwa ppubblikat fil-ĠU L 383, tas-16 ta' Novembru 2020.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħmel in-notifika prevista fil-punt (6) tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri (*).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Jannar 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri se tiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.